MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2391/2002

**Avviz Numru 2391/02 AJD**
**Burmarrad Commercials Ltd**

**vs**

**Nenu Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Ottubru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00), bilanc minn soma akbar u rapprezentanti prezz ta' gaffa mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-2 ta' Settembru 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Nikolai Muscat Farrugia in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**